# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**-ARTIKOLU 19 (1)(A)(C)(D) U (F) TAL-ATT DWAR IZ-ZWIEG 1975-**

**-FTEHIM BEJN L-GHARAJJES LI MATUL IZ-ZWIEG MA JKOLLHOMX TFAL MA JIRRENDIX IZ-<u>ZWIEG CIVILI</u> NULL-**

**Illum 29 ta' Ottubru 2015**

Rikors Guramentat Nru. 285 / 12RGM

Kawza fil-lista: 12

**A B**
**vs**
**C B D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur A B ipprezentat fl-4 ta' Dicembru 2012 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. "Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Lulju tas-sena 2000, fil-Knisja ta' Benghajsa, Birzebbuga.

2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet hija regolata pernnezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat nhar it-24 ta' Frar 2012 in atti n-Nutar Dottor Joseph Debono.

3. Illi l-prezenti proceduri qieghdin isiru sabiex iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti f1-1 ta' Lulju 2000 jigi ddikjarat null u bla effett skond il-Ligi, stante

li l-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi wiehed minnhom, inkiseb bi vjolenza morali jew biza', ai termini tal-Artikolu 19(1)(a) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

4. Illi z-zwieg tal-kontendenti ccelebrat bejn il-kontendenti fl-1 ta' Lulju 2000 huwa null u bla effett fil-Ligi stante illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li setghet mix-xorta taghha, tfixkel serjament il-hajja mizzewga, u dan ai termini tal-Aritkolu 19(1)(c) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg tal-1975.

5. Illi ulterjorment, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null ukoll peress li l-kunsens tal-partijiet jew wiehed minnhom, kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan ai termini ta' l-Arikolu 19(1)( d) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' 1-1975.

6. Illi ulterjorment, u minghajr pregudizzju ghal dak espost, iz-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini ta' l-Artikolu 19(1)(f) stante li l-kunsens tal-partijiet jew minn minnhom inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew ghad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Ghaldaqstant l-attur rikorrent, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob lil dina 1-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti nhar l-1 ta' Lulju 2000, huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-Ligi.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita' ta' l-Att taz-Zwieg tal-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B Dipprezentata fil-11 ta' Dicembru 2013[1] li taqra kif gej:-

1. "Illi l-esponenti taqbel mal-ewwel zewg paragrafi tar-rikors guramentat;

2. Illi l-esponenti madanakollu ma taqbilx ma l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet fil-paragrafi l-ohra stante illi ghalkemm l-esponenti taqbel li z-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett, dan mhux ghal tortijiet imputabbli lilha, izda ghal tortijiet imputabbli esklussivament lill-intimat;

[1] Fol. 41

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li mhux qed topponi ghat-talbiet kif impustati fir-rikors guramentat, qed topponi ghall-premessi u ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni."

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti u l-provi mressqa.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

**XHIEDA TAL-ATTUR.**

Fl-affidavit tieghu[2] l-attur **A B** jispjega li l-partijiet kienu bdew johorgu flimkien meta hu kellu wiehed u ghoxrien sena u l-konvenuta kellha sbatax-il sena. Damu johorgu flimkien tlett snin qabel ma zzewgu. L-attur xhed illi matul dawk it-tlett snin huwa ma kienx imur id-dar tal-konvenuta fejn kienet tirrisjedi mal-genituri peress li l-genituri tal-konvenuta lilu ma kienux accettawh. Kien biss hmistax-il gurnata qabel il-gurnata tat-tieg li dahal ghall-ewwel darba fid-dar taghhom.

Skond l-attur, il-konvenuta kienet tghidlu li riedet titlaq mid-dar tal-genituri taghha peress li kienu jitrattawha qisha skjava jqabduwha hafna affarijiet x'taghmel. Kienet ukoll tilmenta illi l-genituri taghha kienu jiffavorixxu lil ohtha izghar minnha.

Jiddeskrivi l-karattru tal-konvenuta bhala wiehed difficli li tbiddel l-attitudni taghha b'mod drastiku. Jirrakkonta li kienet spiss tmaqdar dak li jaghmel.

Ghalkemm hu ma kienx gie accettat mill-familja tal-konvenuta, il-familja tal-attur kienet laqghet ghandha lill-konvenuta.

Fi zmien l-gherusija l-konvenuta kienet studenta l-universita' filwaqt li l-attur kien jahdem bhala technician gewwa fabbrika. Jghid li ftit kellhom hin ghal xulxin. Meta johorgu il-konvenuta riedet tidhol lura d-dar sal-ghaxra ta' bil-lejl ghaliex hekk kienu jezigu l-genituri taghha.

Jghid illi meta ddecidew li jistabbilixxu d-data taz-zwieg ma kienux qalu lill-genituri taghhom. Marru l-kors ta' Kana u baqghu ma qalulhomx. L-attur jghid

[2] Fol. 44

li l-konvenuta bezghat mir-reazzjoni tal-genituri taghha filwaqt li hu ma tahiex importanza. Ghal habta ta' Marzu 2000 il-partijiet saru jafu li l-konvenuta kienet tqila b'tarbija. Din it-tqala ma kenitx wahda ppjanata. Kienu kelmu lil sacerdot li min-naha tieghu mar ikellem lill-genituri tal-konvenuta sabiex jgharrafhom bis-sitwazzjoni. Ir-reazzjoni tal-genituri tal-konvenuta kienet wahda negattiva. Ommha cemplitilha u qaltilha li d-dar ma riditiex. Sussegwentement it-tabib tal-familja tal-konvenuta kien mar ikellem lill-genituri taghha u kkonvincihom li kellhom jaccettaw liz-zewg partijiet fid-dar taghhom.

Il-konvenuta dak iz-zmien kienet ghadha fit-tieni sena tal-kors universitarju taghha.

Stabbilew id-data tat-tieg bhala l-1 ta' Lulju 2000. Ghamlu tieg zghir hafna, missier il-konvenuta hallas l-ikla filwaqt li l-attur hallas il-kumplament tal-ispejjez.

Jghid hekk:-

"Jiena nista' nghid li d-decizzjoni tieghi li nizzewweg kienet prattikament ibbazata fuq il-fatt li xtaqt li nipprotegi lil C peress li sfat imkeccija mid-dar , u kont naf li gejja tarbija tieghi fid-dinja; nghid ukoll illi jiena ma kontx xtaqt li t-tarbija li kienet gejja fid-dinja titwieled barra miz-zwieg, u wisq anqas li titrabba mal-genituri ta' C………Kont nara biss li nipprotegi dik it-tarbija".

Jghid li wara l-gurnata tat-tieg ir-relazzjoni bejn il-konvenuta u l-genituri taghha tjiebet. It-tarbija twieldet xi hames xhur wara t-tieg u l-konvenuta xtaqet li jmorru jghixu ghal xi zmien ghand il-genituri tal-konvenuta sabiex jghinuwha fit-trobbija tat-tarbija. Ghalkemm l-attur ma qabilx, il-konvenuta xorta wahda marret ghand ommha u l-attur kellu jaccetta u mar ukoll. Damu hemm xi hmistax-il gurnata. Jghid li hmistax-il gurnata wara kellhom jitilqu minhabba n-nuqqas ta'qbil li l-attur kien qed ikollu mal-genituri taghha. Jghid li l-konvenuta kienet taccetta dak li jghidulha l-genituri u mhux dak li jghid hu u dan peress li skond l-attur "C dejjem kellha l-biza' li l-genituri taghha jergghu ma jaccettawhiex."

L-attur xhed illi huwa minn zmien l-gherusija taghhom kien jghid lill-konvenuta li ma riedx tfal. Dan qabel ma l-konvenuta harget tqila. Wara li zzewgu baqa' jinsisti mal-konvenuta li ma riedx aktar tfal, ghalkemm il-konvenuta xtaqet li jkollhom tarbija ohra. Matul iz-zwieg jghid li ma kienx ifittex lill-konvenuta intimament peress li l-agir u l-attitudni taghha fil-konfront tieghu kienu jbeghduh minnha, kienet tpoggi l-ewwel ix-xewqat personali taghha.

Jilmenta li waqt l-istudji terzjarji taghha l-konvenuta kienet thalli hafna karti jigru mad-dar kollha ghalkemm ma kienx jilmenta. Ix-xoghol tad-dar kien jinqasam, il-

konvenuta tiehu hsieb it-tisjir filwaqt li l-attur kien jiehu hsieb it-tindif u l-hasil tad-dar.

Matul iz-zwieg il-problemi mal-genituri ma waqfux. L-attur ma kienx jingieb mal-genituri tal-konvenuta filwaqt li l-konvenuta ma kenitx tingieb mal-genituri tal-attur. Fis-sena 2004 l-attur beda jahdem ukoll part-time bhala mekkanik fil-garaxx ta' missieru. Il-konvenuta kienet takkuzah li mhux minnu li kien jahdem part-time izda li kienet skuza sabiex iqatta hin mal-genituri tieghu.

Fl-affidavit tieghu l-attur ikompli jixhed dwar id-diffikultajiet li komplew jirriskontraw il-partijiet fil-hajja matrimonjali taghhom. Xtraw post u isselfu sabiex xtrawh.

Jghid li bdiet takkuzah b'infedelta' u riditu jmur jaghmel testijiet medici. Ghalkemm kienu fittxew l-ghajnuna ta' family therapost, dan qalilhom li fil-fehma tieghu "ma stajniex inkomplu naharbu mir-realta' [u] li ma stajniex nibqghu nghixu flimkien jiena u C". Dan kien ghal habta ta' April 2010.

Jaghlaq ix-xhieda tieghu hekk:-

*"Prattikament minn dakinhar jiena u C ma bqajniex norqdu flimkien, ghalkemm konna norqdu taht l-istess saqaf. Nghid illi jiena kont nohrog mid-dar mas-sitta ta' filghodu u qabel tard bil-lejl anke l-10 u l-11 ma kontx nirritorna. Nghid li dak iz-zmien kont nixrob hafna, biex nipprova nahrab mill-problemi u kemm immur id-dar biex norqod.*

*C kienet toqghod tigri warajja biex tara fejn inkun matul il-gurnata, toqghod tigi tfittxni, dan kienet taghmlu dejjem, niftakar kienet tfittex fuq il-rnobile, tara l-messaggi, toqghod issaqsini ghaliex kellimt lil dak jew lill-iehor. Dan kienet taghmlu tul iz-zwieg kollu, f1-gherusija wkoll kienet toqghod timpani affarijiet fuqi. Nghid illi ghal bidu ma kienux kbar l-affarijiet li kienet timponi, izda aktar ma beda jghaddi z-zrnien anke fiz-zwieg, dejjem kienet tghir aktar ghal kull ma naghmel. Ma kontx nistenniha minnha. Kienet timla' rasha bl-affarijiet li jghid haddiehor, u ma tismax dak li qieghed jiena.*

*Tant ma flahtx aktar, li l-unika mezz kif nahrab minn dan iz-zwieg, kien li f'Dicembru 2010 kellna glieda ohra kbira bejnietna, u ddecidejt u ghidtilha li rridu nisseparaw. Fix-xahar ta' April 2011, kont tlaqt mid-dar; sahansitra kont sifirt ghal xahar. Nghid illi jiena kont nibza' mill-ajruplan, imma kont ghidt li l-unika mod kif zgur nahrab mill-problerni minn ma' C kien li naqbad u nitlaq 'l boghod minn Malta.*

*Jiena bhala persuna, inhobb hafna l-affarijiet nodfa u organizzati, idejjaqni l-imbarazz, u nara kif inhalli l-affarijiet sewwa. Meta jkun hemm xi hadd li mhux organizzat jaghtini fastidju immens.".*

Xehed **Dr Pierre Chircop** prodott mill-attur. Dr Chircop huwa t-tabib tal-familja tal-konvenuta tant li ilu jafha minn mindu kienet tarbija. Jghid li ftit tas-snin ilu l-konvenuta kienet marret tkellmu dwar il-problemi matrimonjali taghha. Minn dak li ftakar dawn kienu primarjament jikkonsistu filli skond il-konvenuta l-attur ma kienx jaghtiha attenzjoni. Kellha wkoll suspetti li l-attur kellu relazzjoni ma' haddiehor.

L-attur ressaq ukoll bhala xhieda lil ommu, **Maria Dolores B**, omm l-attur[3]; u lil pastor ta' Christian Outreach Centre, **David Nappa**[4];

**XHIEDA TAL-KONVENUTA**.

Il-konvenuta, **C B**, xhedet bil-mezz tal-affidavit[5]. Dwar kif il-partijiet iltaqghu ix-xhieda taghha essenzjalment taqbel ma' dak li xhed l-attur. Tikkontradixxi lill-attur meta jghid li hu ma riedx tfal. *"Imbaghad xi erba' xhur wara li lestejna ta' Kana, kont sirt naf li jiena tqila. Hu mid-dehra kien jaf li probabli fattarniha, ghax meta konna flimkien kien jihhintja u kien dejjem jghidli li jixtieq li jkollu t-tfal, Niftakar li ghamilt il-pregnancy test darbtejn biex inkun certa u dakinhar anke kellna mmorru ghall-kors tal-family planning. Jien niftakar li wara dak kollu li gara, jien ma ridtx immur ghall-kors, u fil-fatt ma morniex ".*

Tikkonferma li appena saret taf li harget tqila kienet konxja tal-problemi li kien ser ikollha mal-genituri taghha. Ommha specjalment kienet irrabjata hafna u kienet cemplitilha b'ton irrabjat. Tghid li f'dawk ic-cirkostanzi kienet ghamlet hamest ijiem tghix mal-attur ghand il-genituri tieghu. *"Jien u A, peress li ommi kienet irrabjata konna ddecidejna li ahjar naghmel erbat ijiem ghandu, ghand ommu. Jien bqajt nattendi l-lectures l-universita' xorta wahda u hu kien qalli li hu minn dejjem xtaq jizzewweg u li kien wasal iz-zmien biex ninfurmaw il-genituri taghna. Ghamilt qisu hames t'ijiem ghandu, sakemm missieri kien gie u hadni lura d-dar.*

*Niftakar li ftit wara imbaghad morna ghand il-Kappillan biex itina data, u imbaghad infurmajna lill-familjari taghna li konna ser nizzewgu fl-1 ta' Lulju 2000. L-ikla kien hallasilna missieri, u l-fjuri u hekk, niftakar li kont hallast jien ghalihom mill-istipendju: L-ilbiesi konna iddubbajnihom u lill-ohti, omm A, ma ridithiex li tigi involuta bl-ebda mod. Il-familja ta' A, ma hallsu ghalxejn, kollox il-familja li hadu hsieb u l-unika haga li kienet weghditni ommu kienet ir-ritratti,*

[3] Fol. 62
[4] Fol. 68
[5] Fol. 76 u kontro-ezami a fol. 90

*li baqghet ma hallset qatt. Pero ghalkemm hallas kollox missieri, xorta huma stiednu hafna nies li riedu huma, u ghamluh taghhom.*

*Wara li zzewwigna, konna ghamilna xahrejn nghixu man-nanna tieghu li kienet armla. Fis-Sajf komplejt naghmel is-summer school u anke komplejt l-istudji."*

*"Il-battibekki kienu jkunu ta' spiss ghax ommu kienet spiss tindahal. Niftakar darba gietni b'garbage bags ta' hwejjeg ta' nies, u jien ma xtaqtx li binti tilbes hwejjeg ta' haddiehor u to prove a point, darba baghtitli nappy mimlija hmieg biex tispjega ghalfejn kienet libsitha dungery antik. Wara dak l-episodju, jien u ommu konna ghamilna xi sena ma nitkellmux. Min-naha tieghu A kien baqa' jmur ghand ommu."*

*"Qatt ma fhimt sew x'gara bejnietna. Imma l-familji qishom qatt ma thalltu bejniethom; fil-fatt anke fil-maghmudija tat-tifla, hadd mill-familja tieghu, hlief zijuh, ma kellem lill-familjari tieghi. Minn dakinhar, qatt ma rega' kellna party fejn kien hemm kulhadd, ghajr ghall-precett tat-tifla. Imma apparti dak, dejjem konna nispiccaw nistiednu biss il-familjari tieghu u lil shabu biss. A kien ta' spiss jghidli li ma jridx li binti tkun hafna ghand ommi, ghax "titla' stramba bhalha" u dana meta ommi, kienet taghmlilna pjacir ta' kuljum li wara l-iskola tigbor lit-tifla taghna u zzommha maghha sakemm jien nispicca mix-xoghol. Ommu qatt ma kienet toffrilna li zzommha hi. Apparti minn hekk, hu dejjem kien stmat hafna minn ommi, anke waqt l-ikel, l-ewwel platt, dejjem lilu kienet ittih, lanqas lill-missieri. Kien dejjem juri, li l-affarijiet iridu bilfors isiru kif irid hu u dejjem jghid li ma jistax ikun hemm zewg kaptani; imbaghad beda b'hafna kliem dispreggjattiv, ezempju lil ohti ghax jisimha Redienne, kien jsejhilha "Ras ir-Randan", U beda jkun anke kattiv mieghi, kien jghajjarni hoxna, u kien anke beda johodli r-ritratti waqt li ninhasel u jmur jurihom lil shabu u anke beda jghajjarni Michelin tat-tyres.*

*Meta l-affarijiet bejni u A, ma kinux tajbin, hu kien jheddidni li kien ser jaghmel vasectomy bil-mohbi, biex ma jkollniex iktar tfal, u dana ghalkemm kien jaf li jien xtaqt ikolli tifel jew tifla ohra. Konna anke morna ghand Fr Alfred Micallef ghall-counselling imma kien kollu ghalxejn. Minn fuq kien jghidli li jekk ridt iktar tfal stajt insaqsi lill-qassis jew lill-kelb taghna biex jghinni. Gieli anke qalli li anke li kieku kellna tfal ohra, kien affari tieghi kif kien ser jirnexxieli nrabbihom!".*

Il-konvenuta tirrakkonta diversi episodji matul iz-zwieg fejn l-attur beda johrog wahdu sas-sieghat bikrin ta' filghodu kif ukoll kien qabad il-vizzju tax-xorb. Kien ukoll beda jattendi 'gentlmen's clubs'.

Issemmi kif l-attur beda juza l-facebook sabiex jikkuntatja nisa mill-Filippini u tirrakkonta episodju fejn telaq mid-dar u siefer minghajr ma qalilha u wara saret

taf li kien siefer lejn il-Filippini ghal xahar u kien xi tilqim ghal dik is-safra. Dan kien April 2011.

Aktar tard saret taf minn fuq facebook illi zewgha kien f'relazzjoni ma' wahda bl-isem Sarah. Tghid li kienet baghtet messagg lil din Sarah toffendiha u l-attur kien wegibha sabiex thalliha bi kwieta u tipprepara l-karti ghas-separazzjoni.

Kien rega siefer f'Dicembru 2011 u f'April 2012 gie lura Malta flimkien mal-imsemmija Sarah.

Il-konvenuta resqet ukoll ix-xhieda ta' missierha, **A D**[6] u **Rev. Fr Alfred Micallef**[7],

**KONSIDERAZZJONIJIET**.

Permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjarja illi z-zwieg tieghu mal-konvenuta huwa null. Qed isejjes din il-kawza fuq erba kawzali-

1. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza morali jew biza'.

2. Illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li setghat tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi hadd minnhom, kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom; jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-konvenuta taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

4. Illi iz-zwieg tal-partijiet hua null peress li l-kunsens tal-partijiet jew ta' xi hadd minnhom inghata bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi element essenzjali tal-hajja mizzewga.

Il-gurisprudenza nostrana konstantement qieset l-istitut taz-zwieg bhala istitut ta' ordni pubbliku li jehtieg is-salvagwardji misthoqqa. Talba ghal dikjarazzjoni gudizzjarja li tnejn li resqu ghac-celebrazzjoni taz-zwieg effettivament ma izzewgu xejn tehtieg li tigi sorretta minn provi konvincenti li jnisslu fil-gudikant dak il-konvinciment necessarju li effettivament zwieg bejn il-partijiet ma kienx sehh nonostante li c-cerimonja segwit ir-rit impost bil-ligi. Kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Anna Tonna vs. Alexander Tonna"** deciza fis-6 ta' Novembru 1991:-

---

[6] Fol. 81 u kontro-ezami Fol. 87
[7] Fol. 85

*"F'materja ta' żwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriccożament wara xi żmien ta' żwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieg u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerggħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament ragunijiet għallannullament tiegħu l-istess żwieg għandu jigi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-ieħor.*

*Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta cara u mingħajr dubju."*

F'sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "**Joseph B vs Bernardette B"** (27 ta' Jannar, 2006) jinghad hekk:

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fundamentali fil-ligi civili u cioe' li ż-żwieg bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

Fuq it-tema tal-validita' ta' kunsens moghti fl-ambitu kontrattwali ssir referenza ghas-sentenza "**Joseph Scerri vs Anna u Joseph konjugi Fenech**" (PA (JRM) - 10.05.2006) fejn il-Qorti ddikjarat illi:-

"Illi f'dak li għandu x'jaqsam mal-kapaċita' kuntrattwali tal-persuna, huwa mgħallem li fil-qasam tal-kuntratti bilaterali (ukoll jekk mhux kommutativi) il-qies li jittieħed huwa wieħed aktar strett mill-kriterji li jintużaw biex titkejjel il-kapaċita' li wieħed jiddisponi b'testment. Dan jingħad fil-każ ta' persuna milquta minn mard tal-moħħ li, f'waqtiet luċidi, tista' tkun taf xi trid u tkun taf kif trid li ġidha jintiret. Bniedem li, f'kundizzjonijiet bħal dawn, jista' jiddisponi b'testment, ma jfissirx li għandu wkoll il-kapaċita' li jersaq fuq kuntratt "because capacity of contracting demands more severe requisites, since contract is a bilateral and irrevocable act" Fost il-kriterji li wieħed irid iqis meta jitkellem dwar l-inkapaċita' li persuna tersaq għal kuntratt, hemm dik li (a) il-kapaċita' hija r-regola u l-inkapaċita' l-eċċezzjoni; (b) l-inkapaċita' trid tiġi ippruvata minn min jallegaha24; (ċ) li biex persuna tkun kapaċi tagħmel kuntratt, mhux meħtieġ li jkun perfettament f'saħħtu minn moħħu, għax huwa biżżejjed li jkollu l-użu tar-raġuni b'mod li jkun jaf x'inhu jagħmel; (d) li ċ-ċirkostanzi tal-inkapaċita' iridu jirriżultaw minn fatti jew indizji gravi u ċirkostanzi preċiżi u mhux ekwivoċi."

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** deciza fit-28 ta' Lulju 1987:-

*"Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett……….Ghall-Qorti nnullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament".*

**L-Ewwel Kawzali Attrici**.

**Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bi vjolenza morali jew biza'**.

**Artikolu 19 (1) (a) tal-Kapitolu 255** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi z-zwieg huwa null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali jew biza'.

Mhux kull biza' jwassal ghall-annullament taz-zwieg. Kif gie ritenut fis-sentenza **Shirley Anne mart Abdul Fatah al Buesli xebba Perry vs Dottor Alfred Mifsud noe** (P.A. 22 ta' Novembru 1982):

"Apparti kollox, fil-fehma ta' din il-Qorti, biex biza taqa' taht l-artikolu in kwistjoni irid ikun cert, ta' certa gravita' serja u ghandha tigi distinta minn dak li hu misthija u frivolezza u kapricc ta' min ser jaghti l-kunsens. Barra minn hekk irid ikun realistiku"

Il-Qorti ticcita wkoll b'approvazzjoni s-sentenza **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph** (P.A. 29 ta' Mejju 2003) fejn gie kkwotat **Trabucchi** li dwar il-liberta' tal-kunsens spjega illi *"La liberta' del consenso che viene tutelata dalla norma si riferisce sia alla liberta' di contrarre matrimonio sia alla libera scelta del partner".* Il-Qorti qalet illi ghalkemm il-kuncett ta' v*jolenza"* u *"biza"* huma relatati, ghaliex effettivament il-*"biza"* hija l-effett tal-*"vjolenza",* l-**artikolu 19 (1) (a)** jikkunsidrahom separatament. Saret ukoll referenza ghal ***G. Lesage*** fejn jghid illi *"physical or moral violence is pressure exerted by an outside agent on a future spouse, in order to influence his or her actions. Fear is the effect which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse."* Sabiex il-vjolenza tinnewtralizza il-volonta' ta' min fl-apparenza jkun qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali jehtieg li tkun ta' certa gravita' (ara **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. (VDG) 3 ta' Ottubru 1995).

Issir ukoll referenza ghas-sentenza **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** (P.A. (VDG) 15 ta' Awissu 1995):-

*"biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, ttista' tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe' trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens".*

Intqal ukoll illi sabiex il-biza kontemplata fis-subinciz in dizamina tikkwalifika bhala raguni ghall-annullament taz-zwieg jehtieg li tkun komposta minn tlett elementi:-

*"fl-ewwel lok trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jezercitaha irid ikun kapaci, presumevolment li jezegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza trid tkun mottiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid."* (**"Joseph D'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (FDP) 20 ta' Gunju 1994).

Min ezami tal-atti l-Qorti ma ssib l-ebda prova li b'xi mod tissostanzja din il-kawzali. L-attur isostni li l-konvenuta tat il-kunsens taghha ghaz-zwieg taghhom ghaliex bezghat mill-genituri wara li harget tqila. Jghid li l-genituri tal-konvenuta riedu li t-tarbija titwieled f'ambitu taz-zwieg u kien ghalhekk li sfurzaw lill-konvenuta tizzewweg. Il-Qorti ma rriskontrat xejn illi jammonta ghal vjolenza fizika jew morali li innewtralizzaw il-volonta tal-konvenuta. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenuta kellha l-volonta li tizzewweg u ma kenitx qeghda tizzewweg kontra l-volonta taghha. Huwa minnu li c-cirkostanzi sew ghall-partijiet kif ukoll ghall-genituri taghhom ma kienux felici in kwantu l-konvenuta kienet inqabdet tqila. Ir-rizultat tat-tqala mhux mistennija ressaq aktar fil-vicin id-data tat-tieg. Izda l-partijiet kienu gia' attendew il-kors ta' Kana bl-iskop li jizzewgu.

Il-kawzali referibbli ghall-Artikolu 19 (1) (a) ma gietx ippruvata u ghalhekk it-talba tal-attur imsejsa fuq din il-kawzali qed tigi respinta.

**IT-TIENI KAWZALI ATTRICI**.

**Illi l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet inkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-parti l-ohra li setghat tfixkel serjament il-hajja mizzewga**.

Din il-kawzali hija msejsa fuq l-**Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255**.

Intqal illi:-

*"Biex tissussisti s-sitwazzjoni ravvisata fil-paragrafu in dizamina iridu jikkonkorru erba' affarijiet:*

*(1) il-qerq perpetrat bil-hsieb li wiehed jikseb il-kunsens tal-parti;*
*(2) li l-qerq ikun incida fuq il-kunsens tal-parti;*

*(3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita' tal-parti l-ohra; u*
*(4) li din il-kwalita' tkun tista' mix-xorta tgahha tfixkel serjament il-hajja mizzewga."*
*(* "**Mary Farrugia vs Joseph Farrugia**" (P.A. deciza fit-13 ta' Marzu, 1995).

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur ghamel referenza ghas-sentenza **A Borg vs Paula sive Polly Borg** (PA (VDG) - 22.05.1995):- fejn il-qerq li jwassal ghan-nullita' ta' zwieg gie definit bhala "qerq dwar dawk il-kwalitajiet oggettivament gravi li jincidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg." Fuq l-istess linja ta' hsieb is-sentenza "**Carmelo svie Charles Mifsud vs Anna Mifsud**" : "Il-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga." (PA (RCP) – 13.11.2002)

Fil-kaz in ezami, il-Qorti ma sabet xejn fil-provi li gew imressqa li jwassalha biex tislet xi hjiel ta' qerq da parti ta' xi hadd mill-partijiet qabel ma zzewgu. Iz-zewg partijiet riedu jidhul ghaz-zwieg. Ma rrizultax li xi hadd minnhom adopera xi qerq sabiex jinkiseb il-kunsens tal-parti l-ohra ghaz-zwieg. Id-diffikultajiet primarji li gew riskontrati mill-partijiet tul l-gherusija taghhom kien gej mill-fatt li l-familja tal-konvenuta ma accettawx lill-attur bhala l-konjugi futur ta' binthom. Il-fatt li l-konvenuta kienet ghadha studenta l-universita' seta wkoll ikkontribwixxi ghar-riluttanza tal-familja tal-konvenuta li jaccettaw li l-partijiet kienu qed johorgu flimkien. Dan pero' ma hux qerq.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur jghid li kien hu stess li kkommetta qerq ghaliex antecedenti z-zwieg huwa kien dejjem igib ruhu sewwa u wara z-zwieg "huwa nbidel u sar zorr, zdied fix-xorb." Jghid li kkommetta qerq ghaliex kien johrog wahdu ma' shabu waqt l-gherusija ad insaputa tal-konvenuta. Jghid li qarraq bil-konvenuta ghaliex waqt iz-zwieg huwa siefer lejn it-Tajlandja jiltaqa' ma' habiba tieghu.

Il-Qorti hawn trid tissottolinea illi l-qerq li titratta dwaru l-ligi in dizamina ma hux il-qerq li jsehh minn parti fiz-zwieg parti l-ohra matul iz-zwieg izda huwa l-qerq li jigi adoperat minn persuna fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taz-zwieg. Il-fatt li tnax-il sena wara z-zwieg l-attur, waqt li kien ghadu fid-dar matrimonjali ghamel kuntatt ma' mara ohra u mar jiltaqa' maghha f'pajjizha ma jikkostitwixxiex qerq li jivvizzja l-kunsens taz-zwieg izda jikkostitwixxi adulterju li jwassal ghal separazzjoni personali izda mhux ghall-annullament. Kien ikun rilevanti ghall-finijiet tal-kawzali in dizamina kieku rrizulta li waqt l-gherusija l-attur, bil-mohbi tal-konvenuta, kien qed ikollu relazzjonijiet intimi ma' terzi persuni, u dahal ghaz-zwieg minghajr ebda rimors u bil-hsieb li jkompli bl-atti promiskwi. Sitwazzjoni tali pero' ma rrizultatx f'din il-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddikjara illi l-kawzali referibbli ghall-Artikolu 19 (1) (c) ma gietx ippruvata u ghalhekk it-talba tal-attur imsejsa fuq din il-kawzali qed tigi wkoll respinta.

**IT-TIELET KAWZALI ATTRICI.**

**Illi l-kunsens tal-partijiet, jew ta' xi hadd minnhom, kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom; jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-konvenuta taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg**.

Din il-kawzali hija msejsa fuq l-**Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255**.

Fis-sentenza "**Atkins Charles Vs Atkins Matilde"** (P.A. (RCP) – 02.10.2003) il-Qorti ezaminat estensivament l-artikolu in dizamina:

"Il-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjediex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u r-responsabbilitajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonajali taghhom.

Issir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **"Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph"** (P.A.(RCP) - 29.05.2003):-

"Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalisiasi stat ta' immaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga.

Fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. 26.10.2000) il-Qorti irriteniet illi jkun hemm id-difett serju ta'

diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritikoestimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati - in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju. Anqas ma jfisser li ghax ikun hemm element ta' indecizjoni jew dubju dwar ghazla tal-istat ta' hajja, dana huwa necessarjament dovut ghal nuqqas (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19 (1) (d) irid ikun hemm l-inkacapita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali." (*ara **Emmanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"** P.A., 10.11.1995)

Kif gie ritenut imbaghad fil-kawza **"Janet Portelli v. Victor Portelli"** (P.A. 14.08.1994) *"It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for the nuptial; (3)or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."*

Fil-kawza **Tonna v Tonna** (PA – 31.01.1996) intqal hekk dwar id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju: "*dan irid jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta kritiko-estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. B'immaturita' affettiva wiehed , naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

"**Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991:-

*"....li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju" B'immaturita'*

*affettiva wiehed, naturalment, ma jifhimx sempliciment nuqqas ta' effett lejn persuna partikolari jew nuqqas ta' gibda lejha jew nuqqas ta' mhabba.'*

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur isostni illi kien hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga ghaliex il-konvenuta dejjem harget biss mal-attur u "allura qatt ma setghat tiltaqa' ma' persuni godda f'hajjtiha.". Jghid ukoll li l-partijiet ma kienux lesti li jidhlu ghaz-zwieg u "zzewgu biss ghaliex ma kellhom ebda triq ohra ghajr dik." Jghid li huwa hass li kellu jipprotegi lill-konvenuta peress li kienet spiccat imkeccija mid-dar u ma kenitx ix-xewqa taghhom li t-tarbija titwieled barra z-zwieg.

Il-Qorti pero' tosserva li l-ebda wahda mir-ragunijiet imressqa mill-attur ma tammonta ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kontemplat fl-artikolu tal-ligi in dizamina. Il-fatt li kien hemm fedelta' assoluta da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attur ma jammontax ghall-annullament taz-zwieg. F'certu sens tali sitwazzjoni ssahhah u mhux iddghajjef il-kunsens ghaz-zwieg.

Ix-xewqa tal-partijiet li t-tarbija titwieled meta huma jkunu mizzewgin hija xewqa kompatibbli ma' kunsens validu ghaz-zwieg. Tqala mhux mistennija waqt gherusija min-natura taghha dejjem twassal ghal diffikultajiet. L-attur jghid li huwa iddecieda li jizzewweg lill-konvenuta ghaliex il-genituri taghha keccewha mid-dar. Jidher pero' li l-attur ma hax in konsiderazzjoni illi fit-testimonja tieghu stess moghtija bil-mezz ta' affidavit, il-konvenuta telqet mid-dar tal-genituri taghha u marret toqghod mal-attur u l-familja tieghu qabel ma' l-genituri taghha saru jafu li hija tqila. Lanqas irrizultaw xi azzjonijiet ta' vjolenza li jiffuskaw u jinnewtralizzaw ir-rieda. Tant li missier il-konvenuta kien wara ftit jiem mar jigbor lill-konvenuta mid-dar tal-genituri tal-attur sabiex johodha lura d-dar taghhom.

Anomalija psikologia ma rrizultat fuq hadd mill-partijiet.

Hija ghalhekk il-fehma tal-Qorti illi l-kawzali msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 ma gietx sodisfacentement ippruvatata.

**IR-RABA KAWZALI ATTRICI.**

**Iz-zwieg tal-partijiet huwa null peress li l-kunsens tal-partijiet jew ta' xi hadd minnhom inghata bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi element essenzjali tal-hajja mizzewga**.

Din il-kawzali hija msejsa fuq l-**Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255**.

Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien

qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi ppruvat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori. Tezisti gurisprudenza nostrana kopjuza fir-rigward fosthom "**Galea vs Walshi**" (P.A. – 30 ta' Marzu 1995; **Muscat vs Borg Grech** (P.A. – 14 ta' Awissu 1995); "**Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** (Appell – 27 ta' Jannar 2006).

Issir ukoll referenza ghas-sentenza **"Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine" (**P.A. - 28 ta' Mejju 2002) fejn jinghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg……….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*

Fis-sentenza "**Magri vs Magri"** (P.A. 14 ta' Lulju 1994) gie dikjarat illi: "*Jekk din il 'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilita' tal-familja."*

Fis-sentenza "**Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. 5 ta' Gunju 2002) inghad li *"wiehed jinnota li taht l-artikolu 19 (1) (f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaqghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estrmi tal-annullament taz-zwieg".*

Rilevanti wkoll is-sentenza li ghamel referenza ghaliha l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu - **Theresa Taguri nee' Spiteri vs. Av. Dr Christopher Cilia et noe** (PA - 10.11.1999) :-

"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perijodu immedjetament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."

L-attur isostni illi l-kunsens li huwa kien ta meta zzewweg lill-konvenuta kien inghata bl-eskluzzjoni ta' xi element essenzjali ghall-hajja mizzewga. Jghid illi huwa qatt ma ried tfal u ghalhekk il-kunsens ghaz-zwieg li huwa ta kien vizzjat.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur jsostni illi "l-partijiet qatt ma kellhom f'mohhom li jkollhom tfal". Issottometta wkoll illi wara li zzewgu dejjem hadu prekawzjoni fl-atti intimi taghhom illi l-konvenuta ma tohrogx tqila. Kien jinsisti li l-konvenuta tiehu *contraceptive pills* u kien jiehu prekawzjonijiet ohra. Il-konvenuta xhedet ukoll illi l-attur kien sahansitra jissuggerilha li tkun intima ma' xi hbieb tieghu u kien jghaddilha n-numri tat-telefon taghhom.

Fil-fehma tal-Qorti l-attur qed jikkonfondi s-sitwazzjoni li qed jipprezenta l-kaz odjern ma' sitwazzjonijiet ohra fejn xi hadd mill-partijiet jahbi mill-parti l-ohra li ma jridx tfal, jidhol ghaz-zwieg bil-parti l-ohra injota b'dan il-hsieb, liema hsieb imbaghad jitfacca wara c-celebrazzjoni taz-zwieg. Dan l-ahhar ezempju jkun jammonta ghal qerq li jivvizzja l-kunsens u jirrendi z-zwieg null.

Izda fil-kaz odjern l-attur jammetti li hu kien mill-bidunett, ferm qabel iz-zwieg jghid lill-konvenuta illi ma riedx tfal. Il-konvenuta kompliet tohrog mieghu bl-iskop ta' zwieg. Tant hu hekk li fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-attur isostni illi: "Il-partijiet qatt ma kellhom f'mohhom li jkollhom tfal u fil-fatt it-tqala kif pruvata mix-xhieda ma kienitx pjanta. Anke sussegwentement wara li zzewgu l-partijiet qatt ma ghamlu l-att ghal prokreazzjoni izda dejjem eskludew il-fatt li jkollhom aktar tfal u ghalhekk wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kienet nieqsa."

Il-Qorti kkonsidrat sew tali sottomissjoni u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-attur qed jikkonfondi z-zwieg religjuz maz-zwieg civili. L-attur jiddikjara, u mhux kontradett mill-konvenuta, illi ghalkemm il-konvenuta kienet harget tqila qabel iz-zwieg, huwa minn qabel ma harget tqila kien jghidilha li qatt ma ried tfal.

**Fil-fehma tal-Qorti zwieg civili celebrat bir-rit kontemplat fil-Kapitolu 255 (Att Dwar iz-Zwieg 1975) ma hux null fuq il-pretest li l-partijiet ikunu minn qabel iddecidew li ma jkollhomx tfal. Zwieg civili ma jimponi l-ebda obbligu fuq il-konjugi illi ghandhom jidhlu ghaz-zwieg bil-hsieb li jkollhom it-tfal. Jekk minn qabel ma jizzewgu il-partijiet jaghmluwah cara li ma jridux ulied, anke jekk ma hemm l-ebda impediment bijologiku ghal dan, iz-zwieg civili huwa perfettament validu. Naturalment dak hawn dikjarat japplika biss ghaz-zwieg civili, u bl-ebda mod ma ghandu jigi interpretat li jista' japplika ghaz-zwieg religjuz tal-partijeit li zzewgu wkoll bir-rit Kattoliku.**

**Ghalhekk mhux eskluz l-eventwalita' li jkun hemm zwieg li jista' jkun null taht il-Ligi Kanonika izda mhux null t aht il-Ligi Civili. Dan japplika llum aktar minn qabel fejn iz-zwieg religjuz Kattoliku huwa kkonsidrat mil-ligi Kanonika bhala wiehed indissolvibbli filwaqt li z-zwieg civili regolat bil-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta huwa soggett li jigi mahlul permezz ta' divorzju li sabiex jigi pronunzjat ma jehtieg l-ebda dikjarazzjoni ta' htija.**

Ghaldaqstant hija l-fehma ta' din il-Qorti illi l-attur l-kawzali tal-attur imsejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 ma gietx sodisfacentement ippruvata.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici kollha.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**